# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta tal-Hamis 12 ta' Dicembru 2019

**Rikors Numru : 330/2018 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**MS, U b'digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Dicembru 2019, kunjom l-attrici gie korrett ghal-SA, f'isimha proprju u ghan-nom u bhala kuratrici ta' bintha minuri MS**

**Vs**

**1. CS**

**2. VM**

**3. Direttur tar-Registru Pubbliku**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' MSA pro et noe, datat 11 ta' Dicembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi f'X ir-rikorrenti weldet tifla bl-isem ta' MS, u dan kif jirrizulta mic-certifikat ta' twelid hawn anness u markat bhala Dokument 'A'.*

2. *Illi fil-jum li twieldet l-imsemmija MS ir-rikorrenti kienet mizzewga lill-intimat CS u ghadha hekk mizzewga sal-lum il-gurnata.*

3. *Illi gara li r-rikorrenti kienet f'relazzjoni adultera mal-intimat VM ghal zmien konsiderevoli u certament li tali relazzjoni adultera, matul liema kien hemm kopulazzjoni f'diversi okkazjonijiet bejn ir-rikorrenti u l-istess intimat, issussistiet matul il-perjodu ta' bejn 300 gurnata u 180 gurnata qabel it-8 ta' Novembru 2018, u cioe` qabel id-data tat-twelid tal-imsemmija minuri.*

4. *Illi fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri MS (kopja hawn anessa u markata bhala Dok. 'A') l-intimat CS, bil-konnotati kollha tieghu, gie mnizzel bhala missier l-imsemmija minuri.*

5. *Illi pero` l-missier naturali tal-minuri MS m'huwiex l-intimat CS izda huwa l-intimat VM, u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza relattiva u anke mit-testijiet xjentifici.*

6. *Illi minkejja diversi tentattivi da parti tar-rikorrenti sabiex il-minuri tigi registrata bhala bint l-intimat VM minghajr il-htiega tal-intavolar tal-kawza odjerna, l-intimat baqa' sal-ahhar juri nuqqas ta' kooperazzjoni shiha.*

7. *Illi r-rikorrenti ghandha interess li jigi korrett ic-certifikat tat-twelid tal-minuri MS.*

8. *Illi l-minuri MS illum ghandha l-eta` ta' tmien (8) snin, u minn dejjem kienet maghrufa bil-kunjom 'S', ghalhekk huwa fl-interess tal-minuri li l-kunjom taghha jibqa' 'S'.*

9. *Illi kien ghalhekk li kellha ssir din il-kawza.*

10. *Illi r-rikorrenti ottjeniet l-awtorizzazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex tipprocedi b'din il-kawza permezz ta' digriet datat 20 ta' Novembru 2018 - kopja tar-rikors u d-digriet relattiv annessi u markati bhala Dokument 'B'.*

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*(i) Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-missier naturali tal-minuri MS huwa l-intimat VM;*

*(ii) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-minuri MS sabiex il-paternita` ta' l-istess minuri tigi korrettement rispekkjata fl-istess Att tat-Twelid, billi fil-kolonna fejn hemm miktubin id-dettalji tal-missier, ossia tal-intimat CS, l-istess dettalji jigu sostitwiti bid-dettalji tal-missier naturali tal-minuri u cioe` VM.*

*(iii) Tordna illi l-kunjom tal-minuri MS jibqa' 'S' u dan fl-ahjar interess tal-minuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat VM li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 23 ta' Jannar 2019, a fol 11 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi rigward il-mertu tal-kawza, l-esponent jiddikjara li m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;*

2. *Illi l-esponent huwa tal-umli fehma li jkun opportun jekk il-partijiet involuti jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi u dan sabiex jiġi vverifikat li VM huwa verament il-missier naturali tal-minuri, filwaqt li fir-rigward ta' CS jiġi eliminat kull dubju li dan jista' verament ikun il-missier naturali tal-imsemmija minuri. Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruħhom għal tali testijiet kif provdut fl-Artikolu 70A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi bla ħsara għal premess, l-esponent huwa tal-fehma li fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll tegħleb il-presunzzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-Artikolu 81 (2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri MS ma jaqbilx mal-att tat-*

*twelid tagħha;*

4. *Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li jintlaqgħu t-talbiet attriċi, l-esponent jistieden lil VM sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament: (1) l-isem u kunjom, (2) id-dokument tal-Identita', (3) l-eta' tiegħu meta twieldet il-minuri, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru, u, (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet il-minuri. Tali informazzjoni hija meħtieġa sabiex eventwalment tkun inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri MS;*

5. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-minuri MS a tenur tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *Illi subordinatament u dejjem bla ħsara għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attriċi, huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem CS, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Atti tat-Twelid;*

7. *Illi finalment, l-esponent jirrileva li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' għaġir tiegħu u għaldaqstant huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

16. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda minn issa inġunta in subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata ta' CS, datata 4 ta' Frar 2019, a fol 15 li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament l-attrici ma ddikjaratx taht liema artikolu tal-ligi qed issejjes din il-kawza istanti;*

2. *Illi peress li ghaddew aktar minn sitt (6) xhur mit-twelid tal-minuri MS u cioe it-terminu preskritt mill-ligi skada, din l-azzjoni kellha tkun preceduta b'rikors*

*quddiem din il-Qorti sabiex u tinghata l-awtorizzazjoni mehtiega ghal-procediment tal-azzjoni odjerna u dan ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kodici Civli Kap 17 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *Illi fuq il-mertu, l-eccipjenti jaqbel mal-ewwel u t-tieni talba, pero l-paternita' naturali ghandha tirrizulta minn testijiet genetici u xjentifici liema rizultati jeskludu l-eccipjenti minn genitur tal-minuri MS;*

4. *Illi l-eccipjenti ma jaqbilx mat-tielet talba stante li ma jarax ghaliex il-minuri ghandha izomm kunjomu u dan gjaladarba ikun gie ppruvat min huwa l-missier naturali tal-minuri;*

5. *Illi in vista tal-premess, l-eccipjenti jissottometti li fi kwalunque kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta agir tieghu u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti inkluz spejjes ta' testijiet genetici u xjentifici;*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-bzonn.*

*Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti li qieghda minn issa ngunta in subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata ta' CS, datata 15 ta' Mejju 2019, a fol 25 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti jissottometti illi mhuwiex cert jekk il-minuri MS hija wild tieghu;*

2. *Illi minghajr pregudizzju l-esponenti huwa lest li jissottometti ruhu ghat-test tad-DNA sabiex jigi stabbilit jekk hu huwa l-missier naturali jew le.*

Rat illi l-attrici giet debitament awtorizzata sabiex tintavola dawn il-proceduri permezz tad-digriet ta din il-Qorti datat 20 ta' Novembru 2018;

Rat illi l-attrici informat lill-Qorti li xtaqet lit-tifla tkun maghrufa bil-kunjom A li huwa kunjom ta' xebba tal-attrici, filwaqt VM ddikjara li ma ghandux oggezzjoni (vide verbal datat 30 ta' Ottubru 2019, a fol 37 et seqq.);

Rat it-talba ghal korrezzjoni ta' kunjom l-attrici u d-digriet ta' din il-Qorti datat 11 ta' Dicembru 2019 li permezz tieghu kunjom l-attrici gie korrett ghal SA;

Rat il-partikolaritajiet ulterjuri rigwardanti l-intimat VM li gew moghtija lil din il-Qorti fil-11 ta' Dicembru 2019;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tat-30 ta' Ottubru 2019 li permezz tieghu l-partijiet ddikjaraw li ma ghandhomx trattazzjoni ulterjuri x'jaghmlu u awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

**MSA** xehdet permezz t'affidavit a fol 43 *et seqq* illi waqt li kienet mizzewwga ma' CS, kienet bdiet relazzjoni extra-maritali ma' VM fl-2009, u kienet skopriet li kienet harget tqila f'April 2010 minn VM. Kompliet illi fit-8 ta' Novembru 2010 kienet weldet lil minuri MS u VM kien jaf li l-istess minuri hija bintu naturali. Qalet illi meta twieled il-minuri, hija kienet ghada ma sseparatx minn ma' S, izda S kien sar jaf bir-relazzjoni extra-maritali taghha meta l-minuri kellha hames snin, u dak iz-zmien kienet ammettiet mieghu illi huwa ma kienx il-missier bijologiku tal-minuri. Ziedet illi xi snin wara, iz-zwieg kien sfaxxa, u llum il-gurnata hi u S jinsabu legalment isseparati permezz ta' kuntratt datat 29 ta' Lulju 2019. Spjegat illi f'dan il-kuntratt hija kienet ghazlet illi tirriverti lura ghal kunjom xbubitha, u cioe A, u ghalhekk illum il-gurnata tixtieq illi kunjom il-minuri jkun A.

**Dr. Marisa Cassar** xehdet permezz t'affidavit a fol 30 *et seqq* permezz ta' liema hija kkonfermat illi mill-ezamijiet genetici kondotti minnha jirrizulta illi VM huwa l-missier naturali ta' MS.

**Ikkonsidrat;**

Illi din hija kawza maghmula ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kodici Civili, ai termini ta' liema:

***"It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni li persuna huwa ġenitur kif***

> ***imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan, tista' wkoll tiġi eżerċitata mill-ġenitur li wiled permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi l-ieħor, il-ġenitur naturali u l-wild imwieled fiż-żwieġ jekk kemm-il darba tali ġenitur li wiled jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild tali ġenitur wettaq adulterju ma' dik il-persuna li dak il-ġenitur ikun qiegħed jitlob li jiġi ddikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bħala l-ġenitur naturali tal-wild.***"

Il-Qorti rat illi l-Artikolu 81 jipprovdi illi:

> "**(1)** ***Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.***
>
> ***(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu.***"

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-Artikolu 80 tal-Kodici Civili, skont liema:

> "***(1) Il-pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.***
>
> ***(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:***
> ***(a) illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben;***
> ***(b) illi l-missier ikun ittrattah bħala ibnu, u, f'dik il-kwalità, ħaseb għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokah;***
> ***(ċ) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies;***
> ***(d) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja."***

Fir-rigward tal-Artikolu 81 hawn fuq citat, fis-sentenza fl-ismijiet **Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et noe,** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Mejju 1996 intqal illi:

> "***Iktar ma jghaddi z-zmien aktar qed taqbad l-gheruq il-fehma li r-realtajiet biologici socjali ghadhom jipprevalu fuq il-prezunzjoni legali li pater est quem iustaw nuptaie demonstrant. Fil-kaz ta' Kroon versus The Netherlands, il-Qorti Ewropea hadet in konsiderazzjoni li n-nozzjoni ta' familja ma kinitx ristretta biss ghar-relazzjonijiet ibbazati fuq iz-zwieg izda tapplika wkoll ghal de facto family ties ohra fejn il-partijiet ikunu qed jghixu flimkien izda mhux fl-ghaqda taz-zwieg. Huwa fid-dover ta' l-istat li jagixxi b'mod li din ir-relazzjoni tkompli tizviluppa fl-interess ta' l-istess minuri. Ghalhekk l-artikolu 81 tal-Kodici Civili m'ghandux johloq ostakolu ghall-akkoljiment tat-talbiet ta' l-attur.***"

Il-Qorti rat illi l-minuri MS twieldet fit-8 ta' Novembru 2010, u giet irregistrat bhala bint CS, li dak iz-zmien kien ghadu legalment mizzewweg mal-attrici. Illi pero jirrizulta u mhux kontestat illi f'dan iz-zmien, l-attrici kellha relazzjoni extra-maritali ma' VM, u li l-minuri twieldet ftit anqas minn sentejn wara li bdiet din ir-relazzjoni.

Il-Qorti rat illi l-attrici kienet dejjem taf illi l-minuri kienet bint M u mhux ir-ragel taghha, u li kienet infurmat lil zewgha illi l-minuri ma kienitx bintu naturali meta l-minuri kellha hames snin.

Il-Qorti rat ukoll illi mit-testijiet genetici, li f'kawzi bhal dawn huma l-prova regina, jirrizulta car illi VM huwa l-missier biologiku tal-minuri. Illi ghalhekk il-parentela tal-minuri giet stabbilita minghajr ombra ta' dubbju u minn dan isegwi illi t-talbiet tal-attrici huma fondati fil-fatt u fid-dritt, u qed jigu milqugha.

Il-Qorti rat illi l-attrici giet debitament awtorizzata sabiex tintavola dawn il-proceduri permezz ta' digriet ta' din il-Qorti datat 20 ta' Novembru 2018.

Fir-rigward tal-kunjom tal-minuri, il-Qorti rat illi t-tieni proviso tal-Artikolu 73 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

> "***Iżda wkoll, meta kawża sabiex jiġi miċħud wild issir minn xi wieħed mill-konjuġi wara li jkunu għaddew il-perjodi stipulati fil-paragrafi (a), (b) jew (ċ) skont l-ewwel proviso ta' dan l-artikolu, kull sentenza li biha l-wild jiġi miċħud ma jkollhiex l-effett illi tbiddel il-kunjom tat-tifel jew ta' xi persuna oħra li tkun ħadet kunjomha mingħand it-tifel sakemm il-***

> ***qorti, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet magħmula jew fir-rikors ġuramentat li bih tkun inbdiet il-kawża jewb'rikors separat magħmul matul il-kawża, ma tipprovdix xort'oħra.*"**

Rat ukoll illi t-tieni proviso tal-Artikolu 77 jipprovdi illi:

> **"*Iżda wkoll, meta l-filjazzjoni ta' persuna tkun ġiet dikjarata mill-qorti, kull min b'konsegwenza ta' dik id-dikjarazzjoni jkun ser jassumi kunjom li ma jkunx il-kunjom użat minnu qabel dik id-dikjarazzjoni, jew ir-rappreżentant leġittimu tiegħu, jista' jitlob lill-qorti kompetenti b'rikors kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jitħalla juża dak il-kunjom l-ieħor, u jekk il-qorti tkun sodisfatta li b'dak l-użu ma jkunux ser jiġu preġudikati terzi u, fejn ir-rikors ikun sar għan-nom ta' minuri, li dak l-użu jkun fl-aħjar interess tal-minuri, hija għandha tilqa' dik it-talba u tordna lid-Direttur iniżżel annotazzjoni tad-deċiżjoni mogħtija minnha fuq l-att tat-twelid rilevanti ta' min tkun ġiet hekk dikjarata l-filjazzjoni tiegħu.*"**

Relevant wkoll huwa r-raba' proviso tal-Artikolu 92 (1) tal-Kodici Civili illi jipprovdi li:

> **"*Iżda wkoll, jekk ir-rikonoxximent jintalab li jsir permezzta' talba ġudizzjarja quddiem il-Qorti kompetenti wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-proviso, it-talba opportuna sabiex wara kunjom il-missier jiġi miżjud kunjom l-omm għandha ssir lill-Qorti f'kull ħin qabel il-pronunzjament tas-sentenza. Fin-nuqqas ta' dik it-talba t-tifel jieħu kunjom il-missier.*"**

Il-Qorti rat illi l-konvenut S talab fir-risposta guramentata tieghu illi kunjom il-minuri jinbidel u ma jibqax S galadarba l-minuri m'hijiex bintu naturali. Il-Qorti rat illi l-minuri ghandha disa' snin u ghalhekk ghadha ta' eta pjuttost zghira. Tenut kont ta' dan il-Qorti tqis illi ma jirrizultax illi m'huwiex fl-ahjar interessi tal-minuri illi jinbidel kunjomha. Illi pero, ai termini tal-Artikolu 92 (1) u anke r-raba' proviso tieghu, ma jistghax ikun il-kaz illi, kif qed titlob l-attrici, l-minuri tiehu biss il-kunjom tal-attrici. Dan peress illi skond il-ligi, mar-rikonoxximent, il-minuri tiehu isem il-missier bijologiku (sakemm dan ma jkunx gie meqjus li huwa kontra l-ahjar interessi tal-minuri ai termini tat-tieni proviso tal-Artikolu 77), li mieghu jista' jizdied kunjom l-omm fuq talba taghha. Ghalhekk kunjom il-minuri ghandu jkun "**M A**".

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mit-talbiet tal-attrici u l-eccezzjonijiet tal-**

**konvenuti billi:**

(1) **Tiddikjara li l-minuri MS, hija effettivament il-wild naturali tal-konvenut VM;**

(2) **Tiddikjara li l-konvenut CS mhuwiex il-missier naturali ta' MS;**

(3) **Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha necessarji fic-Certifikat tat-Twelid ta' MS liema att ghandu n-numru Z sabiex jirrifletti din il-verita' dwar il-paternita' tal-minuri fosthom:**

(a) **jbiddel l-kunjom "S" fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" bil-kunjom "MA" sabiex jirrispekkja l-kunjom tal-genituri bijologici;**

(a) **jhassar il-kliem "CS" fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'referenza ghall-Missier it-Tarbija, u minflok inizzel "VM", ihassar il-kliem "the said" fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'referenza ghall-Omm it-Tarbija, ihassar n-numru tal-Karta tal-Identita Maltija "W" fil-kolonna "Id-Dokument ta' l-Identita" relattiv ghall-missier tal-minuri u minflok inizzel n-numru tal-Karta tal-Identita Maltija "Y", ihassar n-numru "36" fil-kolonna "Eta'" b'referenza ghall-missier tal-minuri u minflok inizzel in-numru "45", ihassar l-post "N" fil-kolonna "Fejn Joqghodu", in kwantu jirrigwarda l-intestata "Missier it-tarbija" u minflok inizzel l-post "B", ihassar il-kliem "FS (dead)" u minflok inizzel il-kliem "JM" u "haj" fil-kolonna "Isem u Kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet", b'referenza ghall-intestata "Missier it-Tarbija".**

**L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, inkluz ir-rikors ghall-awtorizazzjoni, ghandhom jithallsu minn MSA.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**